MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1850/2005

**Andrew Agius I.D. 425545 (M)**
**u Nicolina Agius I.D. 60748 (M)**

**Vs**

**Nazzareno Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu gie dikjarat illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin Lira (Lm1,021) rapprezentanti s-sehem ta' l-attur minn somma ikbar li giet depozitata l-Qorti mill-Kummissarju ta' l-Artijiet in segwitu ghal esproprijzazzjoni ta' bicca art li kienet propjeta` komuni tal-attur u l-konvenut u liema somma giet zbankata in toto mill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi minn 12 ta' Ottubru 2001 data li fiha l-konvenut zbanka s-somma imsemmija, kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta li permezz taghha gie ecceppit illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt, kif jigi provat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u illi l-ammont ta' Lm1,021 mitlub bl-avviz thallas lill-atturi permezz ta' cheque tal-konvenut mahrug f'isem l-attur Andrew Agius, datat 18 ta' Mejju 2005. Altrimenti, l-interessi fuq l-imsemmija somma b'effett mit-12 t'Ottubru 2001, kif mitlub fl-Avviz, m'humiex dovuti. Ghalhekk l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti;

Qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri u qies illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-atturi qed jitolbu ghall-hlas tas-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,021) rapprezentanti s-sehem ta' l-atturi minn somma akbar illi giet depositata l-Qorti mill-Kummissarju ta' l-Artijiet in segwitu ghal espropjazzjoni ta' bicca art li kienet propjeta` komuni ta' l-attur u l-konvenut, liema somma giet zbankata in toto mill-konvenut;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid illi s-somma mitluba minnu f'din il-kawza thallas lill-atturi permezz ta' cheque datat 18 ta' Mejju 2005, oltre` illi l-imghax kif mitluba mit-12 ta' Ottubru 2001 mhumiex dovuti;

Jirrizulta illi fit-12 ta' Jannar 1984 kien gie pprezentat rikors fil-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet kontra l-konvenut Nazzareno Vassallo bhala kuratur sabiex jirrapprezenta lis-sidien mhux maghrufa; (Rikors esebit – Dok AV1 – fol 15);

Jirrizulta illi din il-kawza giet deciza fil-15 ta' Gunju 1992 u l-Bord iffissa kumpens ta' tlett elef u seba` mija Liri Maltin (Lm3,700) – (Dok AV2 – fol 17);

Jirrizulta wkoll illi fis-26 ta' Gunju 2001, il-Kummissarju ta' l-Artijiet iddeposita fir-Registru tal-Prim Awla tal-Qorti Civili l-istess somma msemmija ta' tlett elef u seba` mija Liri Maltin (Lm3,700) – (Dok AV3 – fol 19);

Jirrizulta wkoll illi fis-7 ta' Marzu 2003, sar kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Vincent Miceli, fejn il-konvenut Vassallo bhala kuratur tas-sidien mhux maghrufa, thallas s-somma ta' erba` t'elef, disa` mija u seba` u hamsin Liri Maltin (Lm4,957) bhala danni (Dok AV5 a fol 22) u thallas b'cekk ta' l-istess data (Dok Av6-fol 24);

Jirrizulta wkoll illi fl-14 ta' April 2005, l-atturi permezz ta' l-Avukat taghhom kitbu lill-konvenut u talbu, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha taghhom skond il-ligi, illi l-konvenut jirrifondi lilhom s-sehem lilhom spettanti flimkien ma' l-interessi relattivi mid-data ta' zbank sad-data tal-pagament effettiv, (Dok AV7- fol 25);

Illi b'risposta ghal din l-ittra, fl-20 ta' April 2005, l-konvenut kiteb lill-Avukat ta' l-atturi u spjega x'kien zbanka u x'kien dovut lill-atturi u talab illi appena jkollu konferma da parti ta' l-istess atturi tal-kalkoli maghmula, allura kien ser jibghat cekk fl-ammont ta' elf, mija u sitta u sebghin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm1,176.40) per salda ta' sehemhom (Dok AV8 – fol 26) ;

Illi fid-9 ta' Mejju 2005 irrispondew l-atturi permezz ta' l-Avukat taghhom fejn stqarrew illi skond s-sehem taghhom huma kienu intitolati s-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,021) bhala kumpens u talbu tlett mitt Liri Maltin (Lm300) mghaxxijiet (Dok AV9 – fol 27);

Jirrizulta wkoll illi fit-18 ta' Mejju 2005 (Dok AV10 – fol 30) il-konvenut kiteb lill-atturi tramite l-Avukat taghhom fejn qabel ma' l-ammont tal-kumpens fl-ammont ta' elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,021) u annetta ma' l-ittra

cheque f’dan l-ammont per saldo, gie esebit wkoll kopja tac-cekk relattiv (fol 31) ;

Jirrizulta ulterjorment illi b’ittra tat-23 ta’ Mejju 2005 (Dok Av11 – fol 32), l-atturi ma kienux accettaw c-cekk msemmi peress illi ma setghux jaccettaw il-hlas per saldo, u dan ghaliex kien hemm pretensjoni ta’ l-imghax fl-ammont ta’ tlett mitt Liri Maltin (Lm300), akkumulat minn dak in-nhar illi rcieva indebitament il-flus minn ghand il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, u di fatti, b’din l-istess ittra l-konvenut gie interpellat ihallas tlett mitt Liri Maltin (Lm300). B’din l-istess ittra pero` l-atturi talbu lill-konvenut jiddikjara jekk jaccettax illi jsarraf ic-cekk ta’ elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,021) minghajr pregudizzju ghall-imghax.

Jirrizulta illi din il-proposta ma gietx accettata mill-konvenut, u b’ittra tas-26 ta’ Mejju 2005 (Dok AV12- fol 33), irrisponda f’dan is-sens u talab illi jekk l-atturi jinsistu ghall-imghax allura kellhom jirritornaw ic-cekk ta’ elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,021).

Minn Dok AV 13, (fol 34) jirrizulta illi l-atturi sostnew illi l-imghax kien dovut ai termini tal-Artikolu 1023(1) tal-Kodici Civili u dan ghax il-konvenut kien ben konxju illi meta rcieva l-flus, dawn ma kienux kollha tieghu, b’dan illi ma jistghax jghid illi kien in bona fede.

Jirrizulta illi c-cekk ta’ elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,021) hawn fuq imsemmi (fol 31) baqa` qatt ma ssarraf pero` lanqas ma qatt gie ritornat lura lill-konvenut.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi kif xehed l-istess konvenut (1 ta’ Gunju 2006), dwar is-sorte mitlub fil-kawza ma hemmx diffikulta`.

Illi l-kwistjoni tippernja l-aktar fuq l-imghaxijiet li l-atturi qed jippretendu.

Illi l-konvenut Nazzareno Vassallo thallas sia l-kumpens ta’ tlett elef u seba` mija Liri Maltin (LM3,700) u sia l-penali ta’ erba t’elef, disa` mija u seba` u hamsin Liri

Maltin (Lm4,957) fil-kwalita` tieghu ta' Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lis-sid jew sidien mhux maghrufa ta' l-art de quo, u dan b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Novembru 1983;

Illi l-kumpens thallas fil-5 ta' Frar 2002 u d-danni thallsu fis-7 ta' Marzu 2003;

Illi l-ewwel darba illi l-konvenut gie interpellat – u mhux b'att giudizzjarju – sabiex ihallas lill-atturi dak illi huwa sehemhom, kien b'ittra legali tal-14 ta' April 2005;

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi l-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili ighid illi *l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak in-nhar illi ssir is-sejha b'att giudizzjarju……*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Infrjuri fil-kawza **Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe** fis-sentenza tal-5 ta' Marzu 2003, *l-imghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att giudizzjarju*.

Illi f'dawn il-proceduri ma giex ippruvat illi qabel ma' giet ipprezentata l-kawza odjerna, sar xi att guidizzjarju da parti ta' l-atturi jitolbu l-imghax u ghalhekk, se mai u minghajr pregudizzju ghal dak li jinghad hawn il-quddiem, kull imghax jista` biss jibda jiddekorri mid-data tal-presentata ta' l-Avviz odjern.

It-Tribunal pero` ikkunisdra ulterjorment:

Illi l-pretensjoni ta' l-atturi hija bbazzata fuq l-Artikolu 1023(1) tal-Kap 16: *Dak li minghajr jedd ikun rcieva l-hlas ta` somma ta' flus ghandu, jekk ikun ghamlu b'mala fide, irodd sew il-kapital kemm wkoll l-imghaxxijiet minn dak in-nhar tal-hlas*.

Illi pero` l-Artikolu jkompli bis-sub inciz tnejn (2) tieghu meta jghid : *Izda jekk ikun ghamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd hlief il-kapital biss*.

Illi dan it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, huwa sodisfatt illi l-konvenut agixxa fil-kors kollu tal-proceduri mal-Kummissarju ta' l-Artijiet, inkluz l-izbank tal-flus (kumpens) u l-kuntratt li permezz tieghu thallsu l-penali, bhala kuratur deputat biex jirrappresenta lis-sid jew sidien mhux maghrufa.

Illi inoltre` t-Tribunal iqis ukoll illi l-konvenut agixxa f'din il-vesti mhux minn jeddu – imma b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Novembru 1983.

Illi allura t-Tribunal ma jistghax jaqbel mal-atturi illi l-konvenut rcieva l-hlas ta` somma ta' flus "minghajr jedd" u wisq anqas ircieva flus "b'mala fide". U la ma jikkonkorrux dawn iz-zewg elementi, it-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jkun applikabbli l-provvedimenti fl-Artikolu 1023(1) tal-KAP 16.

Anzi, it-Tribunal jasal biex jikkonkludi illi ghandu jkun applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern kif irrizultaw lit-Tribunal, l-provvedimenti ta' l-Artikolu 1023 sub-inciz (2) tal-KAP 16.

It-Tribunal ghalhekk ma jhossx gustifikat l-agir ta' l-atturi illi jirrifjutaw il-hlas li sar lilhom bic-cekk tat-18 ta' Mejju 2005 (fol 31) u fid-dawl ta' dan ma jistghax anqas jilqa` t-talba taghhom ghall-interessi, la mid-data msemmija fl-Avviz u anqas mid-data tal-presentata tal-Avviz odjern, in kwantu illi t-Tribunal ihoss jidhirlu illi ma kienux korretti l-atturi illi jirrifjutaw il-hlas lilhom maghmul.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1021), pero` jichad it-talba ta' l-istess atturi ghall-interessi mit-12 ta' Ottubru 2001 kif mitluba u ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija.

Il-partijiet ghandhom jassikuraw illi in vista tal-hrug tac-cekk 445 tat-18 ta' Mejju 2005 da parti tal-konvenut u

pagabbli lill-atturi fis-somma ta’ elf u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (LM1021), ma jkunx hemm hlas doppju.

It-Tribunal, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddeciedi billi l-ispejjes giudizzjarji in konnessjoni ma’ dan il-kaz, jinqassmu ugwament bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------